MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2013

Numru. 568/2011

**PULIZIJA**

**VS**

**DORIANA LOUISA BRINCAT**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Doriana Louisa Brincat, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 245978 (M).

**Akkuzata talli:**

Fl- 4 ta` Settembru, 2010, ghall-habta tas-sebgha u hamsa ta` filghodu (07:05hrs), fi Triq il-Belt Valletta,

Zurrieq, waqt li kienet qed issuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAZ 998:

1. B'nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habtet ma` vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBP 975 u kkagunat hsara fl-imsemmija vettura ghad-dannu ta` Carmen Camilleri;

2. B'nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkagunat griehi ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Carmen Camilleri skont ma` ccertifika Dr. Patrick Farrugia, M.D. Reg. No. 2535 mill-Isptar Mater Dei.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 328 (b), 225, 226 (1) (a) u 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligiiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsidrazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kawza;

**Ikunsidrat:**

Din il-Qorti qed issib lill-imputata hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghha u ghaldaqstant tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar millum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------